# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 18**

**Rikors numru 137/12 AE**

**Montaldo Insurance Agency Limited (C-1052) a nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Chartis Europe Limited**

**v.**

**Christian Bugeja u b'digriet tas-7 ta' Mejju, 2012 il-Qorti awtorizzat l-intervent tal-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens fil-kawza**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat li s-soċjetà attriċi ppreżentat fid-9 ta' Frar, 2012, u li jaqra hekk:

1. "Illi fis-6 t'Awissu, 2010 is-socjeta' esponenti harget polza tal-assigurazzjoni flimkien mac-certifikat relattiv a favur tal-intimat Christian Bugeja fir-rigward tal-uzu tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAD 044.

2. "Illi fid-29 ta' Marzu 2011 is-socjeta' esponenti harget ukoll polza tal-assigurazzjoni flimkien mac-certifikat relattiv a favur tal-istess intimat Christian Bugeja fir-rigward tal-uzu tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni OLI 477.

3. “Illi l-imsemmija vettura bin-numru ta’ registrazzjoni OLI 477 giet involuta f’zewg incidenti awtomobilistici rispettivament datati 13 t’April 2011, u 18 t’April 2011 meta din kienet qed tinstaq minn certa Donna Stone waqt illi l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DAD044 giet ukoll involut f’incident iehor awtomobilistiku datat 19 t’April, 2011 meta l-istess vettura kienet qed tinsaq ukoll mil-imsemmija Donna Stone.

4. “Illi ricentement is-socjeta’ esponenti giet a konoxxenza tal-fatt illi l-intimat Christian Bugeja flimkien mal-imsemmija Donna Stone gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ diversi reati u dan permezz ta’ sentenza datata 6 t’April, 2011 (ara sentenza hawn annessa u mmarkata Dok. ‘A’).

5. “Illi mill-istess sentena surreferita jirirzulta wkoll li permezz ta’ sentenza ohra datata 23 t’April, 2009 l-istess intimat Christian Bugeja kien diga’ gie ikkundannat ghal piena ta’ tlett xhur prigunarija sospizi ghal sentejn ghal reati ohrajn.

6. “Illi l-intimat Christian Bugeja naqas milli jinforma lis-socjeta’ esponenti bil-fatt illi hu kien diga’ gie kkundannat permezz tas-sentenza surreferitsa datata 23 t’April, 2009 meta gie biex johrog il-poloz tal-assigurazzjoni tieghu rispettivament fir-rigward tal-vetturi bin-numru ta’ registrazzjon DAD044 u OLI477 tant illi wiegeb fin-negattiv ghal domanda espressa kontenuta fil-‘proposal forms’ relattivi dwar jekk hu, jew xi persuna li kienet ser issuq il-vettura relattiva, kienx gie misjub hati ta’ xi reat fil-hames snin ta’ qabel il-hrug tal-polza meta tali domanda missha giet mwiegvba fl-affermattiv (ara dok. hawn annessi u mmarkat Dok. ‘B’ u ‘C’ rispettivament).

7. “Illi tali nuqqas jikkostitwixxi qerq u/jew habi ta’ fatti sostanzjali u/jew rapprezentazzjoni ta’ fatt li kien falz f’xi partikolarità sostanzjali u ghaldaqstant jaghti ragun li ghaliha l-polza tista’ u ghandha tigi annullata skond il-ligi b’tali mod li s-socjeta’ esponenti ma tkunx aktar obbligata illi taghmel tajjeb ghal kwalunkwe kumpens likwidat favur terzi.

8. “Illi fi kwalunkwe kaz l-intimat Christian Bugeja naqas milli jezercita kemm qabel kif ukoll wara l-hrug tal-imsemmija polza tal-assigurazzjoni l-‘uberrima fidae’ rikjesta minnu mil-ligi.

9. “Illi debitament interpellat sabiex jirritorna c-certifikat tal-assigurazzjoni relattiv l-intimat Christian Bugeja baqa’ inadempjenti.

“Jghid ghalhekk l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessaqrja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi billi:

1. “Tiddikjara illi l-poloz tal-assigurazzjoni li rispettivament ikopru l-uzu tal-vetturi bin-numru ta’ registrazzjoni DAD044 u OLI477 inhargu

b'qerq u/jew b'habi ta' fatt sostanzjali u/jew rappresentazzjoni ta' fatt li kien falz f'xi partikolarita' sostanzjali u/jew li fi kwalunkwe kaz l-intimat Christian Bugeja naqas milli jezercita kemm qabel u kif ukoll wara l-hrug tal-imsemmija polza tal-assigurazzjoni l-'uberrima fidae' rikjesta minnu mil-ligi';

2. "Tiddikjara li l-istess poloz tal-assikurazzjoni rispettivi gew ghalhelkk validament kancellati 'ab initio' skond il-kundizzjonijiet tal-istess polza u skond il-ligi b'tali mod illi li s-socjeta' esponenti ma tkunx aktar obbligata illi taghmel tajjeb ghal kwalunkwe kumpens likwidat favur terzi;

3. "Tordna lill-intimat Christian Bugeja jirritorna c-certifikati originali tal-assigurazzjoni rispettivi mahrugin u kkonsenjati lill-istess intimat mis-socjeta' esponenti jew jekk dan jirrizultaw mitlufin jew distrutti li jaghmel u jaghti lis-socjeta' attrici dikjarazzjoni mahlufa f'dan is-sens.

"Bl-ispejjez u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' attrici kontra l-intimat u bl-ingunzjoni tal-istess intimat minn issa ghas-subizzjoni".

Rat li l-konvenut, debitament notifikat bir-rikors, ma weġibx għat-talba;

Rat li b'digriet mogħti fis-7 ta' Mejju, 2012, l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-Fond għal Protezzjoni u Kumpens (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Fond") sabiex jintervjeni fil-kawża;

Rat in-nota tal-intervenut fil-kawża li biha ressaq dawn is-sottomissjonijiet:

"Illi kif jirrizulta mill-premessi tar-rikors guramentat tas-socjeta` attrici nomine, waqt it-terminu tal-kopertura assigurativa, il-vetturi DAD 044 u OLI 4771 kienu involuti f'incidenti awtomobilistici li sehhu fit-13 ta' April 2011, 18 ta' April 2011 u 19 ta' April 2011 fejn sofrew id-danni terzi persuni.

"Illi permezz ta' dina l-kawza s-socjeta` attrici nomine qeghda tipprova tahrab mill-obbligi taghha li taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-vittmi fl-incidenti (ara t-tieni t-talba attrici u l-kontenut tar-rikors ta' l-esponenti ta' l-4 ta' Mejju 2012).

"Illi din t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda stante illi s-soċjeta attriċi hija obbligata fil-liġi li tħallas id-danni lit-terzi anki jekk jirrizulta illi l-poloz minnha maħruġin għar-rigward tal-vetturi in kwistjoni ttieħdu bil-ħabi ta' fatt materjali kif allegat mis-soċjeta attriċi. Tant hu hekk illi **r-Regolament 2492)(b) ta' l-Avviz Legali 435 ta' l-2003 jistipula illi <u>"assiguratur huwa l-assiguratur koncernat minkejja illi l-assigurazzjoni kienet inkisbet bi frodi, bl-għoti ta' informazzjoni ħażina, bil-ħabi ta' fatti materjali, jew bi żball"</u> u għalhekk l-assiguratur jibqa' obbligat li jħallas lil terzi bħala l-*insurer concerned*.**

"Illi apparti minn hekk il-ġudizzju mhux integru billi l-persuni li lilhom is-soċjeta attriċi qed tippretendi li ma tħallasx id-danni kkawżati mill-vetturi minnha assigurati ma humiex parti fil-kawża, u għalhekk id-dikjarazzjoni li qed tippretendi li tieħu s-soċjeta` attriċi permezz tat-tieni talba attriċi hija legalment insostenibbli u għandha tiġi miċħuda minn dina l-Onorabbli Qorti.

"Illi apparti minn hekk, għar-rigward tat-talbiet attriċi l-oħra, is-soċjeta` attriċi trid iġib prova ta' dak minnha allegat u trid tipprova ukoll li ġew sodisfatti r-rekwiżiti sanċiti fl-Artikolu 10(3) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta".

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Lulju, 2013, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża fis-sens li ġej:

**1. "Tiddikjara li l-polza ta' assigurazzjoni li tkopri l-vetturi DAD 044 u OLI 477 maħruġa mill-attriċi fis-6 ta' Awissu 2010 u 29 ta' Marzu 2011 inħarġu b'rapprezentazzjoni ta' fatt li kien falz f'partikolarita' sostanzjali.**

**2. "Tiddikjara li l-attriċi għandha dritt tħassar il-polza għal dak li jikkonċerna r-relazzjoni interna bejnha u l-konvenut Buġeja, b'dan li tiċħad it-talba tal-attriċi sabiex tiddikjara li: *"[....] s-soċjeta esponenti ma tkunx aktar obbligata illi tagħmel tajjeb għal kwalunkwe kumpens likwidat favur terzi."*. Il-qorti qegħda tagħmilha ċara li dak li qiegħed jingħad jolqot biss ir-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet ta' din il-kawża u bl-ebda mod m'għandu jiftiehem li qiegħed ittellef lil xi terz danneġġat, li ma kienx parti għaliha, minn xi benefiċċju li tagħtih il-liġi sabiex jitħallas mingħand il-kumpannija attriċi għad-danni li sofra.**

**3. "Tiddikjara li m'hemmx ħtieġa ta' provvediment fis-sens mitlub fit-tielet talba in kwantu l-qorti diġa' ddikjarat li l-attriċi għandha jedd tħassar il-poloz ta' assikurazzjoni għal dak li**

**jikkoncerna r-relazzjoni kuntrattwali bejn l-attrici u l-konvenut Bugeja**".

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Fil-qosor il-fatti huma:

1. "Christian Bugeja ffirma *proposal form* datata 6 ta' Awissu 2010 biex tinhareg polza ta' assikurazzjoni fir-rigward tal-vettura DAD 044.
2. "Fil-proposal hemm domanda 6(c) li taqra: *"Have you or any person who to your knowledge will drive, been convicted of any offence during the past 5 years ?"*. It-twegib hi *"No"*.
3. "Fid-29 ta' Marzu 2011 mela *proposal form* ohra fir-rigward tal-vettura OLI 477.
4. "Il-kumpannija attrici harget polza ta' assikurazzjoni fuq iz-zewg vetturi fuq imsemmija.
5. "Wara l-hrug tal-poloz l-attrici saret taf[1] li b'sentenza tat-23 ta' April 2009 fil-kawza **Il-Pulizija vs Christian Bugeja** il-konvenut kien instab hati li fil-11 ta' Ottubru 2008:

(a) "saq il-vettura Mercedes Benz C180 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.
(b) "saq il-vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.
(c) "saq il-vettura u ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta u ghamel uzu minn pjanci bin-numru KAE 969 li jappartjenu lill-vettura Ford Escort.
(d) "Ghamel uzu minn licenzja ta' vettura HAF 885 mahruga mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta ghal fuq vettura ta' Mercedes Benz 200 li hi differenti minn dik li kien qieghed isuq.

Fuq ammissjoni ta' Bugeja l-qorti sabitu hati u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta' tlett xhur sospiza ghal sentejn u multa ta' Ewro 650. Inoltre skwalifikatu milli jkollu licenzja ghall-perjodu ta' tnax-il xahar.

6. "Il-vettura OLI 477 kienet involuta fi tlett incident tat-traffiku, 13 ta' April 2011, 18 ta' April 2011 u 19 ta' April 2011 meta kienet qeghda tinstaq minn certu Donna Stone. Fl-atti m'hemmx taghrif dwar jekk tezistix xi relazzjoni bejn il-konvenuta u Donna Stone.

[1] David Debono, manager mal-kumpannija attrici, spjega li: *"F'dan il-kaz skoprejna illi Christian Bugeja kien recediv wara li ttiehdu passi kriminali kontra l-istess Christian Bugeja fir-rigward ta' l-incident datat 19/4/2011. Fl-ewwel seduta meta giet moqrija l-akkuza saret referenza wkoll ghal fatt illi Christian Bugeja kien recediv, b'sentenza moghtija mill-qorti tal-magistrati (Mag. Saviour Demicoli datat 23/4/2009). Meta rajna l-fedina penali u d-decizjoni tal-qorti fuq Christian Bugeja sibna li Christian Bugeja kien misjub hati, immultat u inoltre skwalifikat ghall-sena mil-licenzja tas-sewqan."* (fol. 38).

7. “Fl-atti hemm prova li dwar l-incident tad-19 ta’ April 2011 bdew proceduri ta’ arbitragg. M’hemmx provi li hemm proceduri pendenti dwar l-incidenti l-ohra.

“Fl-ewwel lok l-attrici ma pprezentatx kopja tal-kondizzjonijiet tal-polza ta’ assikurazzjoni. Ghalhekk ir-riferenza ghalihom fir-rikors guramentat baqa’ ma giex ipprovat fhix kienu jikkonsistu.

“Skond l-Artikolu 10(3) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta’ Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta’ Terzi Persuni:

> “*Ebda somma ma jkollha tithallas mill-assiguratur awtorizzat taht id-disposizzjonijiet ta’ qabel ta’ dan l-artikolu, jekk, f’kawza mibdija qabel, jew fi zmien tliet xhur wara, li jinbeda l-proccediment li fih tkun giet moghtija s-sentenza, hu jkun ha dikjarazzjoni illi, apparti mid-disposizzjonijiet tal-polza, huwa ghandu jedd li jannullaha minhabba li kienet ittiehdet bil-habi ta’ fatt sostanzjali jew billi gie rapprezentat fatt li kien falz f’xi partikolarita’ sostanzjali, jew, jekk ikun annulla l-polza ghal dik ir-raguni, illi kellu jedd li jaghmel hekk apparti mill-kondizzjonijiet taghha.”*.

“Fl-istess provvediment jinghad li *“sostanzjali”*:

> *“tfisser ta’ xorta tali li tinfluwenza d-decizjoni ta’ assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju, u, f’dan il-kaz, b’liema premium u taht liema kondizzjonijiet……”*.

“Fil-*locus classicus* ***Carter vs Boehm*** (1766), Lord Mansfield osserva:-

> “*Good faith forbids either party by concealing what he privately knows, to draw the other into a bargain, from his ignorance of that fact, and his believing the contrary… The reason of the rule which obliges parties to disclose, is to prevent fraud, and to encourage good faith. It is adapted to such facts as the very nature of the contract; which one private knows, and the other is ignorant of, and has no reason to suspect.”*.

“Fil-fehma tal-qorti s-sentenza tad-23 ta’ April 2009 kienet fatt sostanzjali (*material fact*) u l-konvenut kellu dmir li jgharraf lill-kumpannija assiguratrici[2]. Li persuna tinstab hatja tal-imputazzjonijiet fuq imsemmija u sahansitra giet sospiza milli jkollha licenzja ghall-perjodu ta’ sena, huma fatti rilevanti ghall-kumpannija assiguratrici meta tigi biex tiddeciedi ghandix tiehu r-riskju u fl-affermattiv taht liema kondizzjonijiet. Dan hu kaz fejn hu evidenti li l-assigurat ma kellux rispett lejn l-osservazzjoni ta’ regolamenti tat-traffiku bazici, cjoe’ li meta ssuq vettura ghandha tizgura li tkun licenzjata u koperta minn polza ta’ assigurazzjoni abbinat mal-fatt li l-assigurat ghamel uzu minn pjanca ta’ registrazzjoni u licenzja falza. Cirkostanzi li jxejnu l-

---

[2] Dwar x’inhu fatt sostanzjali (material fact) ara per ezempju s-sentenza tal-Prim’Awla (Imhallef T. Mallia) fil-kawza **Calicidon Vella vs GasanMamo Insurance Agency Limited nomine** tas-7 ta’ Marzu 2008.

affidabilita' tieghu. Dan apparti l-iskwalifika mil-licenzja li meta saret l-ewwel proposal form tas-6 ta' Awissu 2010 kienet ilha tlett xhur biss li spiccat. Ghal din il-qorti dan hu kaz ovvju fejn *prudent insurer* jew ma kienx jaccetta li johrog polza fuq il-vettura jew jaghmel kondizzjonijiet differenti.

"Hu biss dwar incident wiehed (19 ta' April 2011) li ngiebet prova li bdew proceduri ta' arbitragg fis-26 ta' Jannar 2012 (fol. 94)[3]. Pero' m'hemmx prova li l-attrici tat l-avviz kontemplat fil-proviso tal-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104.

"Madankollu hemm l-aspett l-iehor sollevat mill-intervenut, cjoe' dwar jekk it-tieni talba tistax tintlaqa'. L-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104 jipprovdi li l-assikurazzjoni ma jkollix obbligu li thallas lill-persuna danneggata, jekk tinghata dikjarazzjoni li ghandha l-jedd li tannulla l-polza ta' assikurazzjoni:

> "*...... minhabba li kienet ittiehdet bil-habi ta' fatt sostanzjali jew billi gie rapprezentat fatt li kien falz f'xi partikolarita' sostanzjali, jew, jekk ikun annulla l-polza ghal dik ir-raguni, illi kellu jedd li jaghmel hekk apparti mill-kondizzjonijiet taghha."*.

"Ghal dak li jirrigwarda l-Avviz Legali 435 tal-2003, is-segwenti hu rilevanti:

i. "***"Assiguratur koncernat"*** *tfisser dak l-assiguratur li kien fiz-zmien ta' l-incident li kkawza ir-responsabbilta' civili qieghed jipprovdi assigurazzjoni kontra responsabbilta' bhal din ghar-rigward tal-vettura li b'kawza ta' l-uzu taghha giet inkorsa r-responsabbilta* (Regolament 24). Fil-kaz taghha il-kumpannija attrici.
ii. "Ghalkemm polza ta' assikurazzjoni tkun inkisbet *".... Bi frodi, bl-ghoti ta' informazzjoni hazina, bil-habi ta' fatti materjali, jew bi zball."* , l-attrici xorta hi assiguratur koncernat (ara Regolament 24(2)).
iii. "Wahda mill-kondizzjonijiet sabiex il-Fond ikun responsabbli jaghmel tajjeb ghad-danni li jsofri t-terz, hu li ma jkunx hemm *"assiguratur koncernat"* (Regolament 25).

"L-ghan wara assikurazzjoni obbligatorja ta' vetturi kienet biex tipprotegi lill-vittmi ta' incidenti tat-traffiku billi jigi accertat li hemm il-flus biex jithallas kumpens suppost fi zmien ragonevoli. L-Ingilterra hemm dak li jirreferu ghalih bhala **Article 75** li jifforma parti mill-*Memorandum and Articles* tal-MIB (*Motor Insurer's Bureau*). Jezisti ftehim bejn il-Motor Insurers Bureau u l-Gvern li fejn fiz-zmien tal-incident kien hemm polza ta' assikurazzjoni, irrispettivament jekk *"... the insurance has been obtained by fraud, misrepresentation, non-disclosure of material facts, or mistake"*, il-Bureau ma taghmilx tajjeb ghad-danni tat-terz u ghandha thallas il-kumpannija assiguratrici li maghha kienet assigurata l-vettura fi zmien tal-incident. F'dan il-

[3] **Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha l-kumpannija F.A. Limited, sija bil-polza u bil-Ligi vs Donna Marie Stone** (Rif. M3002/2012).

kuntest f'rapport tal-Law Commission and the Scottish Law Commission[4] ta' Dicembru 2009, inghad:

> "*9.26. Section 152(2)*[5] *has a long history. It was included in the legislation when compulsory motor insurance was first introduced in 1934. At that time, the section meant that third parties would be denied payment in the event of a non-disclosure. Today, however, the practical effect of section 152(2) is much less than first appears. This is because third parties are given a further level of protection through the Motor Insurance Bureau (MIB). The MIB scheme ensures that third parties are paid, even if the driver was uninsured or had misrepresented a relevant fact.*
>
> "*9.27. Under an agreement between the MIB and the Government, the MIB compensates the victims of uninsured drivers where there is no other insurer to meet the claim. However, where a policy has been avoided, the MIB does not meet the claim directly. Instead, under Article 75 of the MIB's Articles of Association, the liability is passed back from the MIB to the insurer who has avoided the policy. In other words the original insurer is required to step into the shoes of the MIB. It becomes an "Article 75 insurer.*
>
> "*9.28. Thus in most cases there is little point in an insurer using section 152(2) to avoid a policy. Even if the insurer succeeds in avoiding liability under the Road Traffic Act, it will simply have to pay the claim under Article 75. Section 152(2) only becomes useful to an insurer when there is another insurer in the frame to meet the third party's claim……"* (pagni 117)

"Ghalhekk ifisser li l-Bureau ma thallasx danni fejn fiz-zmien tal-incident kien hemm polza ta' assikurazzjoni mahruga skond il-ligi, u dan irrispettivament jekk kienx hemm bazi li l-assiguratur jitlob li tigi annullata. F'paragrafu tlieta (3) tal-Memorandum jinghad:

> "*(a) If a Road Traffic Act judgment is obtained the Article 75 Insurer will satisfy the original judgment creditor if and to the extent that the judgment has not within seven days of the execution date been satisfied by the judgment debtor"*.

"F'Malta din il-materja hi regolata minn ligi sussidjarja (Avviz Legali 435 tal-2003, *Regolament ta' l-2003 dwar il-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens*), ghalkemm m'hemmx provvediment identiku ghall-paragrafu tlieta (3). Mir-regolament 25 hu evidenti li l-hsieb kien li Fond jaghmel tajjeb ghad-danni fejn m'hemmx *insurer concerned*, ezempju meta ma tezistix polza ta' assikurazzjoni. Il-qorti hi tal-fehma li meta saru r-regolamenti qatt ma seta' kien il-hsieb li min kien assigurat taht polza li tkun giet annullata taht l-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104 jibqa' skopert ghad-danni li jsofri fl-eventwalita' li ma jirnexxilux jithallas minghand min ikkaguna l-hsara. Minn qari tar-regolament 24

---

[4] *Consumer Insurance Law: Pre-Contract Disclosure and Misrepresentation* (ara website: lawcomission.justice.gov.uk).

[5] Tar-Road Traffic Act, li hi l-ekwivalenti ghall-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104.

> u 25 il-qorti tifhem li fejn ma jaghmilx tajjeb il-Fond, ir-responsabbilta' taqa' fuq l-assiguratur koncernat. Kieku kien mod nigu fis-sitwazzjoni assurda li fejn polza tigi annullata taht l-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104 id-danneggat jibqa' lampa stampa jekk ma jirnexxilux jirkupra d-danni minghand il-persuna li kkagunatlu l-hsara. Min-naha l-ohra d-danneggat ikollu rimedju fejn qatt ma ezistiet polza jew f'kaz fejn jibqa' mistur min ikkaguna l-hsara (ezempju *hit-and-run*)[6]. Jidher li din il-parti tal-Avviz Legali 435 tal-2003 giet introdotta f'Malta b'applikazzjoni ta' *Article 75* li hemm l-Ingilterra, li hu ntiz sabiex jipprotegi l-Fond ghaliex inkellha jkollu iktar talbiet ghall-hlas ta' kumpens u jizgura li vittmi ta' incidenti tat-traffiku jigu kkumpensati.
>
> "F'dan ix-xenarju hu ghalhekk fl-interess tal-kumpanniji ta' assikurazzjoni li jiehdu l-mizuri mehtiega sabiex jizguraw li jigbru t-taghrif kollu li hemm bzonn qabel johorgu polza ta' assikurazzjoni u b'hekk jevitaw milli jesponu ruhhom ghal riskji oghla. Hi facli ghall-assikurazzjoni li taddotta atteggjament passiv u tibbaza ruhha biss fuq dak li jghidilha l-klijent. Pero' l-messagg ghandu jkun car. Meta taghmel hekk tkun qeghda taghmel hekk liberament u ma tistax tevita r-responsabbilta' fl-eventwalita' li terz isofri danni minhabba negligenza tal-assigurat taghha. Fejn hemm terzi involuti, f'poloz ta' assikurazzjoni ta' vetturi il-kumpanniji assiguratrici ma jistghux jibqghu jinhbew wara l-principju tal-*uberrima fidei*. Principju li japplika fir-relazzjoni interna bejn l-assigurat u l-kumpannija ta' assikurazzjoni, izda t-terz ma jistax jigi ppregudikat.

Rat l-*appello del terzo* tas-soċjetà Fogg Insurance Agencies Limited liema appell, pero`, ġie dikjarat deżert minn din il-Qorti b'digriet tat-28 ta' Frar, 2017;

Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjetà attriċi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi talbet li din il-Qorti jogħġobha:

---

[6] Jigi rilevat li skond Artikolu 11 tad-Direttiva 2009/103 tal-Unjoni Ewropea: *"In the event of a dispute between the body referred to in Article 10(1) and the civil liability insurer as to which must compensate the victim, the* ***Member States shall take the appropriate measures so that one of those parties is designated to be responsible in the first instance for paying compensation to the victim without delay."***. Bis-sahha ta' din id-direttiva hu evidenti li l-persuna danneggata trid tithallas minghand xi hadd. **Direttiva li tiggarantixxi hlas tad-danni lid-danneggat**. Il-qorti m'ghandix triq ohra ghajr li tinterpreta r-regolamenti tal-Avviz Legali 435 tal-2003 f'dan is-sens [ara l-kaz ta' **Marleasing** (1990)], cjoe' li fejn skond ir-regolamenti l-Fond m'ghandux obbligu li jaghmel tajjeb ghad-danni, id-dmir jaqa' fuq l-assiguratur koncernat.

"..tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu laqghet l-ewwel talba attrici u ghall-bqija tirrevoka u thassar is-sentenza fl-ismijiet premessi datata 29 ta' Lulju, 2013 u dana billi tilqa' l-bqija tat-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat".

Rat ir-risposta tal-appell tal-intervenut Fond li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, issottometta li din il-Qorti:

"..ghadha tichad l-appell tas-socjeta` Montaldo Insurance Agency Limited *nomine* bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellanti".

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li wasslu għal din il-kawża huma esposti b'mod ċar fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti li, isegwi, mhux meħtieġ li jerġgħu jiġu delineati għall-fini ta' din is-sentenza. Huwa ovvju mill-fatti illi l-konvenut huwa ħati ta' frodi u *misinformation* in relazzjoni mas-soċjetà assikuratriċi, u dan peress li naqas li, fuq il-*proposal form* għall-assikurazzjoni, jindika l-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra tiegħu in konnessjoni ma' diversi reati relatati mas-sewqan. Dan stabbilietu l-ewwel Qorti meta osservat li "*dan hu każ ovvju fejn prudent insurer jew ma kienx jaċċetta li joħroġ polza fuq il-vettura jew jagħmel*

*kondizzjonijiet differenti*". Fil-fatt, l-ewwel Qorti aċċettat l-ewwel talba attriċi u minn dik il-parti tas-sentenza ma tressaq ebda appell. Mill-partijiet li ressqu dan l-appell u r-risposta hemm qbil dwar l-aġir xejn korrett da parti tal-konvenut.

Il-kwistjoni f'din il-kawża huwa jekk, nonostante dan il-fatt, is-soċjetà attriċi assiguratriċi tibqax hi responsabbli għad-danni li l-assigurat tagħha kkaġuna lill-terzi. Is-soċjetà attriċi tinvoka l-Artikolu 10(3) tal-Ordinanza dwar Assikurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskju tat-Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiddisponi li, f'każ li l-kumpanija assikuratriċi issegwi ċerta proċedura – li, milli jidher mill-atti, ġiet segwita f'dan il-każ – hi ma tkunx responsabbli li tħallas danni lill-terzi jekk, waqt il-milli tal-proposta, l-assiguratur ikun ħeba xi fatt sostanzjali jew stqarr xi falsita.

Il-fond intervenut ma jaqbilx u jagħmel, min-naħa l-oħra, referenza għall-Artikolu 24 u 25 tal-Avviż Legali 435 tal-2003 (li nħareġ kif awtorizzat bl-att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni) li jiddisponi l-assiguratur jibqa' jitqies "*assiguratur konċernat*" minkejja li l-assigurazzjoni kienet inkisbet bi frodi jew bl-għoti ta' informazzjoni falza. L-Artikolu 25, imbagħad, jgħid li l-fond ikun tenut iħallas danni lill-terzi f'każ biss, li "*ma jkunx hemm assiguratur konċernat*". Dan jista' jiftiehem li l-liġi riedet li f'dawn

iċ-ċirkostanzi l-Fond ma jkunx tenut iħallas hu peress li hu tenut li jħallas l-assiguratur konċernat.

L-ewwel Qorti qablet mat-teżi tal-fond intervenut u qalet li, darba hemm "*assiguratur konċernat*" (avolja s-soċjetà assiguratriċi għandha dritt tħassar il-polza ta' assigurazzjoni minħabba frodi), il-fond mhux tenut jikkompensa għall-ħsara lill-terzi, u għal dan trid tagħmel tajjeb is-soċjetà assiguratriċi attriċi.

Is-soċjetà attriċi appellat mis-sentenza. Din il-Qorti tissenjala li l-kwistjoni ġiet dibattuta mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'diversi każijiet, u ingħataw sentenzi li jiġġovaw iż-żewġ posizzjonijiet li hadu l-partijiet f'din il-kawża. Hekk, per eżempju, fil-kawża **Seguna v. Laferla Insurance Agency Limited**, deċiża fis-26 ta' Novembru, 2009, il-Qorti ħadet posizzjoni favur it-teżi tal-fond intervenut, fil-waqt illi fil-kawża **Middlesea Insurance plc v. Ciantar**, deċiża fis-17 ta' Frar, 2014, il-Qorti ħadet posizzjoni favur it-teżi issa abbraċċjata mis-soċjetà attrici.

Din il-Qorti, kif u sa fejn il-materja hija regolata bil-ligi domestika, tinklina li tabbraċċja din l-aħħar teżi. Dan peress illi l-Artikolu 25(1) tal-Avviż Legali 435 tas-sena 2003, li fuqu tant jisħaq il-fond intervenut, jgħid biss meta l-istess fond għandu obbligu li jagħmel ħlas, pero`, ma jgħidx meta l-assiguratur konċernat għandu jħallas. Dan l-artikolu jgħid li jekk ikun

hemm assiguratur konċernat, il-fond mhux obbligat iħallas, pero`, ma jgħidx li huwa l-assiguratur konċernat li jkun obbligat iħallas.

L-ewwel Qorti tirreferi għall-*Memorandum and Articles* tal-*Motor Insurance Beauraux* Ingliża, u partikolarment għall-Artikolu 75 ta' dan il-*Memorandum*, li jiddisponi li a bażi tiegħu, kumpanija assiguratriċi hi dik li trid tħallas għad-danni li jsofri terz, anke jekk dik il-kumpanija assiguratriċi jkollha dritt tħassar il-polza ta' assigurazzjoni minħabba frodi. Din ir-regola hija, pero`, imniżżla b'mod ċar fil-*Memorandum*, iżda provvediment simili ma jinsabx riprodott fl-imsemmi Avviż Legali 435 tal-2003. Il-liġi Maltija ma tgħidx li l-assiguratur konċernat irid iħallas għad-danni tat-terzi kif jingħad espressament fil-*Memorandum* fuq imsemmi, u allura l-opinjoni ta' awturi Ingliżi, a bażi tal-Artikolu 75 tal-*Memorandum*, ma japplikawx għall-każ tagħna li ma tipprovdix fl-istess vena. Fid-dawl ta' dan, u darba li l-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104 imsemmi baqa' ma ġiex revokat, seta' jiftiehem illi jekk is-soċjetà assiguratriċi tieħu l-azzjoni rikjesta minnha entro ż-żmien lilha konċess mil-ligi, hi tista' teħles mill-obbligu legali li tħallas kwalunkwe somma, anke lil terzi.

Dan, pero`, iwassal ghar-riżultat li lill-vittma ta' inċident tat-traffiku ma jindennizzah ħadd, la l-Fond, għax ikun hemm assiguratur konċernat, u lanqas din tal-aħħar a bażi tal-Artikolu 10(3) imsemmi. Dan l-Unjoni Ewropea ma tridux. Hawnhekk, din il-Qorti tagħmel referenza għas-

sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited nomine v. Vassallo** deċiża fit-12 ta' Marzu, 2014 (li minnha ma sarx appell) li eżaminat fid-dettall din il-kwistjoni fid-dawl tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea li direttament tolqot din il-materja. F'dan ir-rigward dik il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "*Skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva 103 tal-2009, liema Direttiva kkodifikat flimkien numru ta' direttivi li jitrattaw l-assigurazzjoni kontra r-responsabbilta' civili fl-uzu tal-vetturi, fosthom id-direttiva 72/116:*
>
> > "*Each Member State shall, subject to Article 5, take all appropriate measures to ensure that civil liability in respect of the use of vehicles normally based in its territory is covered by insurance*".
>
> "*Il-Qorti Ewropea tal-Gustizzja diga' ppronunzjat ruhha fir-rigward tal-Artikolu 3, u fil-kaz* ***Wilkonson & Evans*** *(C-442/10) deciz fl-1 ta' Dicembru 2011 qalet:*
>
> > "*With regards to the rights granted to those third parties who have been victims of an accident, it must be borne in mind that the Court has held that Article 3(1) of the First Directive (Directive 72/116/EEC)* ***precludes an insurer from relying on statutory provisions*** *or contractual clauses* ***in order to refuse to compensate third parties who have been victims of an accident caused by the insured vehicle.****" (enfazi tal-qorti).*
>
> "*L-istess kien inghad fil-kaz* ***Ruiz Bernaldez*** *(C-129/94) deciz fit-28 ta' Marzu 1996 u l-kaz Candolin (C537/03) deciz fit-30 ta' Gunju 2005.*
>
> "*Skond Regolament 25 tal-Avviz Legali 435 tal-2003:*
>
> > "*Meta decizjoni ghar-rigward ta' xi responsabbiltà civili li tkun mehtiega li tkun koperta minn polza ta' assigurazzjoni taht legislazzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja jkun inkisbet kontra xi persuna jew persuni u, kemm jekk fiz-zmien ta' l-incident li jikkaguna din ir-responsabbiltà* ***ma jkunx hemm fis-sehh polza ta' assigurazzjoni kif mehtieg mil-legislazzjoni msemmija****, jew jekk din il-****polza ma jkollhix sehh ghal xi raguni*** *li ma tkunx dik li l-assiguratur ma jkunx jista' jhallas, u din ir-responsabbiltà ma tkunx giet sodisfatta kollha kemm hi fi zmien tmienja u ghoxrin jum mill-gurnata li fiha l-persuna jew persuni li favur taghhom tkun inghatat dik id-decizjoni kellhom id-dritt li jesegwuha, f'dan il-kaz,* ***jekk ma jkunx hemm assiguratur koncernat****, il-Fond ghandu bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jaghmel hlasijiet lill-persuna jew persuni li favur taghhom tkun inghatat*

> *dik id-decizjoni, mill-fondi li jkunu mwarrbin biex jintuzaw ghal hlas ta' kumpens ta' responsabbiltajiet protetti*.".

"*Il-Fond jaghmel tajjeb ghad-danni fil-kazijiet specifikati f'dan l-Avviz Legali. Sitwazzjoni simili tinsab fl-Ingilterra*

"*Fi ftit kliem dan ir-regolament qieghed jipprovdi li l-Fond jaghmel tajjeb ghad-danni li jsofri d-danneggat jekk fid-data tal-incident:-*

*i.* "*m'hemmx polza skond kif mehtieg fil-Kap. 104 jew il-polza ma jkollix effett;* ***u***

*ii.* "*ma jkunx hemm assiguratur koncernat;*

"*Minn dan ir-regolament hu evidenti li fejn hemm assiguratur koncernat, il-Fond ma jaghmilx tajjeb ghaliex l-obbligu tal-hlas qieghed fuq l-assiguratur. Hekk biss jista' jigi interpretat dan ir-regolament u dan b'applikazzjoni wkoll tal-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 103 tal-2009 li tipprovdi:*

> "*In the event of a dispute between the body referred to in Article 10(1) (**fil-kaz in ezami l-Fond**) and the civil liability insurer (**fil-kaz in ezami l-attrici**) as to which must compensate the victim, the Member States shall take the appropriate measures so that one of those parties is designated to be responsible in the first instance for paying compensation to the victim without delay*.".

"*F'dan il-kuntest hu rilevanti l-insenjament tal-Qorti Ewropea fil-kaz ta'* ***Marleasing*** *(1990) li:*

> "*...it should be observed that, as the Court pointed out in its judgment in Case 14/83 **Von Colson and Kamann v Land Nordrhein-Westfalen** [1984] ECR 1891, paragraph 26, the Member States' obligation arising from a directive to achieve the result envisaged by the directive and their duty under Article 5 of the Treaty to take all appropriate measures, whether general or particular, to ensure the fulfilment of that obligation, is binding on all the authorities of Member States including, for matters within their jurisdiction, the courts. **It follows that, in applying national law, whether the provisions in question were adopted before or after the directive, the national court called upon to interpret it is required to do so, as far as possible, in the light of the wording and the purpose of the directive in order to achieve the result pursued by the latter and thereby comply with the third paragraph of Article 189 of the Treaty.". [***

"*Ghalhekk il-qrati nazzjonali tal-Istati Membri ghandhom* ***obbligu*** *li jinterpretaw il-ligi nazzjonali fid-dawl tad-disposizzjonijiet ta' direttiva. B'dan il-mod jigi ottenut ir-rizultat segwit mid-direttiva. Din l-obbligazzjoni tapplika ghall-provvedimenti tal-ligi nazzjonali kemm qabel id-direttiva u wkoll ta' wara. Applikat dan il-principju l-qorti tasal*

> *ghal konkluzjoni li l-assigurazzjoni attrici trid taghmel tajjeb ghad-danni li sofra Meli*".

Fid-dawl tal-obbligu ta' dawn il-Qrati li sa fejn possibbli jinterpretaw il-liġi domestika skont ma jipprovdu l-liġijiet u l-ġurisprudenza tal-Unjoni Ewropea, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li s-soċjetà assiguratriċi attriċi ma tistax teħles mir-responsabbilità tagħha li tħallas għad-danni li kkaġuna "assigurat" tagħha billi tinvoka li frodi wżat fil-konfront tagħha da parti tal-konvenuti, u għandha tkun din, bħala l-assiguratur konċernat, li trid tagħmel tajjeb għal dawn id-danni.

Il-ħlas mill-Fond japplika biss meta lanqas ma hemm obbligu ta' ħlas da parti tal-assiguratur konċernat. Dan huwa evidenti mir-Regolament 25 tal-Avviż Legali 435 tal-2003 (preċedentement ir-Regolament 20 ta' l-Avviż Legali 28 tal-1986) li jgħid espressament illi l-Fond iħallas **biss** "jekk ma jkunx hemm assiguratur koncernat" (cjoe` *insurer concerned* ai termini ta' l-istess Avviż Legali). Kif osservat korrettement l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, "*mir-regolament 25 hu evidenti li l-hsieb kien li l-Fond jaghmel tajjeb ghad-danni fejn m'hemmx insurer concerned*". Fil-każ *de quo* hemm *insurer concerned* ghax ir-regolament 24(1) tal-Avviz Legali 435 tal-2003 jistipula li l-*insurer concerned* hija dik is-soċjetà tal-assigurazzjoni li meta ġiet inkorsa r-responsabbilità ċivili lejn it-terz kienet ħarġet ċertifikat ta' assigurazzjoni fir-rigward tal-vettura:

*"l-assiguratur koncernat" tfisser dak l-assiguratur li kien fiż-żmien tal-inċident li kkawża r-responsabbilità ċivili qiegħed jipprovdi assigurazzjoni kontra responsabbilità bħal din għar-rigward tal-vettura li b'kawża tal-użu tagħha ġiet inkorsa r-responsabbilità tad-debitur".*

Illi sussegwentement l-istess Regolament 24, din id-darba fit-tieni subinċiż, jgħid ċar u tond illi l-assiguratur jitqies li huwa l-*insurer concerned* minkejja li jkun hemm qerq jew *material non-disclosure* da parti tal-assigurat:

"*assiguratur huwa l-assiguratur konċernat minkejja illi.. (b) l-assigurazzjoni kienet inkisbet bi frodi, bl-għoti ta' informazzjoni ħażina, bil-ħabi ta' fatti materjali, jew bi żball*".

Illi għalhekk, huwa ċar li l-intenzjoni tal-Leġislatur kienet proprju l-kontra ta' dak li qegħda tgħid is-soċjetà appellanti, u kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, fil-każ *de quo* ma hemm ebda dubju li s-soċjetà attriċi hija l-*insurer concerned* u li l-obbligu tal-ħlas jispetta lilha u mhux lill-Fond minkejja l-possibilità li poloz jiġu annullati abbażi tal-Artikolu 10 subinċiż (3) tal-Kap. 104, dejjem salv id-drittijiet tagħha kontra l-assigurat tagħha.

Din hi l-interpretazzjoni li trid tingħata lil-liġijiet in kwistjoni moqrija bil-lenti tal-*acquis* tal-Unjoni Ewropea, li tagħha Malta hi membru.

Dwar il-kwistjoni proċedurali, li issa għandha ftit relevanza fid-dawl ta' dak fuq espost, eċċezzjoni simili kienet ġiet miċħuda mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ġia msemmija **Middlesea Insurance p.l.c. v. Ciantar**, fejn intqal is-segwenti:

> "Illi t-tielet talba attriċi hija fis-sens li hemm talba għal-dikjarazzjoni li ebda somma ma jkollha titħallas mis-soċjetà rikorrenti a tenur tal-poloz ta' assikurazzjoni maħruga mis-soċjetà rikorrenti favur l-intimat. Illi dak li qed titlob is-soċjetà rikorrenti jirrigwarda r-relazzjoni ġuridika interna bejnha u l-intimat u fir-rigward tat-terz is-soċjetà rikorrenti mxiet skont ma titlob il-ligi u nnotifikahom bl-ittra uffiċjali u dan ai termini tal-Artikolu 10(3)".

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, u mhux neċessarjament għal dawk miġjuba mill-ewwel Qorti, qed tiċħad l-appell tas-soċjetà attriċi Montaldo Insurance Agency Limited nomine u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjeż in prim istanza jibqgħu kif deċiż mill-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb